



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.3.2023
COM(2023) 129 final

2023/0068 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2022/003 ES/Alu
Ibérica**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹.
2. Fit-30 ta' Novembru 2022, Spanja sottomettiet applikazzjoni EGF/2022/003 ES/Alu Ibérica għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji f'Alu Ibérica LC S.L. (Alu Ibérica) fi Spanja.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

| | |
|--|--|
| L-applikazzjoni tal-FEG | EGF/2022/003 ES/Alu Ibérica |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell NUTS ² 2) | Galicia (ES11) |
| Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni | 30 ta' Novembru 2022 |
| Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni | 14 ta' Diċembru 2022 |
| Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali | 14 ta' Diċembru 2022 |
| Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali | 5 ta' Jannar 2023 |
| Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni | 16 ta' Marzu 2023 |
| Kriterju ta' intervent | L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691 |
| Intrapriża | Alu Ibérica LC S.L. (Alu Ibérica) |
| Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ³ | Id-Diviżjoni 24 (Manifattura ta' metalli bażiċi) |
| Perjodu referenzjarju (erba' xhur): | mill-10 ta' Mejju 2022 sal-10 ta' Settembru 2022 |
| Għadd ta' sensji matul il-perjodu referenzjarju | 303 |

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

³ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

| | |
|---|-----------|
| (a) | |
| Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu referenzjarju (b) | 0 |
| Għadd totali ta' sensji (a + b) | 303 |
| Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli | 303 |
| Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira | 303 |
| Baġit għal servizzi personalizzati (EUR) | 1 429 400 |
| Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁴ (EUR) | 70 600 |
| Baġit totali (EUR) | 1 500 000 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR) | 1 275 000 |

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

- Spanja sottomettiet l-applikazzjoni EGF/2022/003 ES/Alu Ibérica fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/691, fit-30 ta' Novembru 2022. Fl-14 ta' Diċembru 2022 il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali minn Spanja. Din l-informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum ta' xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum ta' xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni mimlija li fiha l-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fis-16 ta' Marzu 2023.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

- L-applikazzjoni hija relatata ma' 303 ħaddiema ssensjati li l-attività tagħhom f'Alu Ibérica waqfet. L-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-Diviżjoni 24 NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' metalli bażiċi). Is-sensji mogħtija jinsabu fir-reġjun NUTS 2 ta' Galicia (ES 11).

Kriterji ta' intervent

- Spanja sottomettiet l-applikazzjoni fl-ambitu tal-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu referenzjarju ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'fornituri u fi produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.
- Il-perjodu referenzjarju ta' 4 xhur għall-applikazzjoni jibda mill-10 ta' Mejju 2022 sal-10 ta' Settembru 2022.
- Matul il-perjodu referenzjarju kien hemm 303 ħaddiema ssensjati f'Alu Ibérica.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

- Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-waqfien tal-attivitàjiet tal-

⁴ F'konformità mal-Artikolu 7, il-ħames paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

ħaddiema ssensjati matul il-perjodu referenzjarju ġie kkalkolat mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjeg jew l-iskadenza tiegħu.

Benefiċjarji eliġibbli

10. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 303.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

11. L-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa t-telf tal-kompetittività li jirriżulta miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima, bħall-manjeżju, flimkien mat-tnaqqis fil-prezzijiet dinjin tal-aluminju li jirriżulta mill-kapaċità żejda tal-produzzjoni fiċ-Ċina li wasslet sabiex Alu Ibérica tiġi likwidata⁵.
12. L-industrija tal-aluminju primarju tal-UE, magħmula minn 12-il funderija li jinsabu fi 8 Stati Membri, tirrappreżenta 3 % tal-produzzjoni globali⁶. Bħala industrija elettro-intensiva, hija dipendenti ħafna fuq prezzijiet tal-elettriku kompetittivi u stabbli. L-aluminju huwa wieħed mis-setturi l-aktar vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija.
13. Skont Eurometaux, il-korp kummerċjali tal-metalli mhux ferużi, il-produtturi ffaċċaw kostijiet tal-elettriku u tal-gass oġhla minn 10 darbiet fl-2022 milli fl-2021, li jaqbu bil-kbir il-prezz tal-bejgħ għall-prodotti tagħhom⁷. Madwar miljun tunnellata ta' produzzjoni tal-aluminju twaqqfet jew ġiet iddewmet bejn Ottubru 2021 (meta l-prezzijiet tal-enerġija bdew jogħlew) u Ottubru 2022⁸, minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u d-diffikultajiet fl-iżgurar ta' kuntratti tal-enerġija bi prezzijiet fissi fit-tul.
14. F'Diċembru 2021, Alcoa⁹ naqqset il-produzzjoni tal-aluminju (227 000 tunnellata) f' San Ciprián (Spanja) sal-2024¹⁰. Fir-raba' trimestru tal-2022, Aluminium Dunkerque, l-akbar funderija primarja tal-Ewropa għall-aluminju, naqqset l-output bi 22 % (63 800 tunnellata)¹¹; filwaqt li Speira rażżnet 50 % tal-produzzjoni tal-funderija tagħha fl-impjant "Rheinwerk" f'Neuss, sa avviż ulterjuri. Il-produzzjoni tat-tidwib se titnaqqas għal 70 000 tunnellata ta' metall primarju fis-sena¹². Din il-mewġa ta' tnaqqis issegwi l-għeluq mhux definit tal-funderija tal-aluminju ta' Norsk Hydro fis-Slovakkja¹³ u ta' Alu Ibérica¹⁴ fi Spanja.

⁵ [Alu Iberica kienet ilha f'falliment volontarju minn Diċembru 2021, wara li l-qorti akkreditat l-istat ta' insolvenza tagħha. Fit-22 ta' Frar 2022, il-Qorti Kummerċjali numru 2 ta' A Coruña ddikjarat lil Alu Ibérica LC dissolta u qablet li tiftaħ il-proċedura ta' likwidazzjoni.](#)

⁶ [Rapport Ewropew dwar l-attività tal-aluminju 2021-2022.](#)

⁷ [Ittra lill-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola, lill-President tal-Kunsill Ewropew Charles Michel, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula Von der Leyen. \(Settembru 2022\).](#)

⁸ [European aluminium u Euroactiv.](#)

⁹ Il-Korporazzjoni Alcoa hija t-tmien l-akbar produttur tal-aluminju fid-dinja b'faċilitajiet fl-Istati Uniti, fl-Ewropa (l-Iżlanda, in-Norveġja, in-Netherlands, l-Ungerija u Spanja), fl-Awstralja u fil-Brażil.

¹⁰ <https://aluminiuminsider.com/alcoa-to-curtail-aluminium-production-at-san-ciprian-until-2024/>

¹¹ <https://aluminiuminsider.com/aluminium-dunkerque-to-cut-production-by-over-one-fifth-due-to-high-power-prices/>

¹² www.speira.com/newsroom/speira-to-curtail-50-of-rheinwerk-smelter-production/

¹³ www.alcircle.com/news/hydro-to-shut-down-primary-aluminium-production-in-slovakia-recycling-operations-to-continue-83294

¹⁴ <http://www.poderjudicial.es/cgpj/gl/Poder-Xudicial/Tribunais-Superiores-de-Xustiza/TSX-Galicia/Sala-de-prensa/Comunicados-de-prensa/Un-Xulgado-da-Coruna-aproba-o-plan-de-liquidacion-de-Alu-Iberica-LC-presentado-pola-administracion-concursal>

15. It-twaqqif jew l-għeluq tal-produzzjoni fl-Ewropa jwassal għal żieda fl-importazzjonijiet. L-importazzjonijiet tal-UE tal-aluminju miċ-Ċina żdiedu b' medja ta' 20 % fil-volum fi Frar-Ġunju 2022 meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel¹⁵; u mir-Russja bi 13 % f' Marzu-Ġunju 2022 meta mqabbla mal-2021¹⁶.
16. Skont Eurometaux¹⁷, iċ-Ċina tkopri aktar minn nofs il-produzzjoni globali ta' minerali u metalli pproċessati u hija l-fornitur ewlieni tal-UE għal diversi materja prima kritika (b' mod partikolari l-manjeżju, materja ewlenija fil-produzzjoni tal-aluminju). Iċ-Ċina għandha monopolju kważi totali fuq il-produzzjoni globali tal-manjeżju (89 %) u tforni madwar 93 % tar-rekwiżiti tal-UE, peress li l-UE għalqet l-aħħar impjant tal-produzzjoni tal-manjeżju tagħha fl-2001. Fir-raba' trimestru tal-2021, kien hemm nuqqas ta' manjeżju Ċiniż ikkawżat minn żieda fil-kost tal-faħam fiċ-Ċina. Il-prezzijiet spot tal-manjeżju żdiedu b' medja ta' 157 % bejn Settembru u Ottubru 2021¹⁸. In-nuqqas ikkawża tħassib kbir fil-funderiji tal-aluminju Ewropej għall-effetti potenzjalment katastrofiċi ta' nuqqas ta' provvista tal-manjeżju fuq il-produzzjoni tal-aluminju.
17. Iċ-Ċina ssussidjat b' mod konsiderevoli l-produzzjoni domestika tagħha ta' metalli u materjali strateġiċi oħrajn permezz tal-istrateġija industrijali tagħha "Made in China 2025". B' rizzultat ta' dan, l-industrija Ċiniża żviluppat kapaċitajiet żejda għal diversi metalli bħat-tungstenu, iċ-ċomb, u speċjalment l-aluminju¹⁹. Skont l-OECD, id-dominanza li dejjem qed tikber taċ-Ċina tal-industrija tal-aluminju wasslet għal tfixkil sostanzjali għal pajjiżi oħrajn u għax-xejriet kummerċjali globali²⁰.

Impatt mistenni tal-għoti tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

18. It-territorji l-aktar affettwati mill-falliment ta' Alu Ibérica u s-sensji sussegwenti huma r-reġjun A Coruña tal-livell NUTS 3 u l-belt tal-istess isem.
19. Fl-2020, l-impatt tal-pandemija rriżulta fi tnaqqis sinifikanti fir-rati tal-attività u tal-impjiegi (bi 3,20 % u 4,66 %, rispettivament) f' A Coruña. Bl-istess mod, ir-rata tal-qgħad żdiedet b' mod sinifikanti sabiex laqget il-11,63 % fl-2020. Minkejja t-titjib minn dak iż-żmien, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 9,50 %²¹ fit-tielet trimestru tal-2022 (l-aħħar data disponibbli), li hija 3,5 punti perċentwali oġhla mill-medja tal-UE (6 %)²².

¹⁵ www.euractiv.com/section/politics/short_news/european-industry-eyes-china-as-aluminium-factories-shut/

¹⁶ [Euroactiv](#) li jikkwota lil [Reuters](#).

¹⁷ [Id-Dokument ta' Politika Eurometaux "Overcoming EU metals strategic dependencies is a key solution for EU's Green Deal success". Novembru 2021.](#)

¹⁸ www.fastmarkets.com/insights/magnesium-still-considered-a-risky-market-supply-challenges-loom-2022-preview

¹⁹ <https://eurometaux.eu/media/1623/press-release-new-study-shows-massive-distortions-in-chinas-nonferrous-metals-industry-252017.pdf>

²⁰ [Measuring distortions in international markets: the aluminium value chain. OECD Trade Policy Working Papers n° 218, page 49.](#)

²¹ [Data mir-rapport dwar is-suq tax-xogħol tal-provinċja ta' A Coruña](#), il-Ministeru għax-xogħol u l-ekonomija soċjali, is-SEPE sena 2021

²² [Ir-rata tal-qgħad tal-UE f'Ottubru 2022](#)

20. L-intrapriżi l-kbar bħal Alu Ibérica (250 impjegat jew aktar) jirrappreżentaw 0,1 % tan-negozju totali f'Galicia, fejn 93 % tan-negozji għandhom ħames impjegati jew anqas, inkluż is-67,64 % li ma għandhom l-ebda impjegat²³.
21. L-għeluq ta' Alu Ibérica għandu impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol u fuq l-ekonomija tal-belt ta' A Coruña, minħabba d-daqs tagħha. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, Alu Ibérica ġġenerat fatturat ta' aktar minn EUR 130 miljun, b'impatt ekonomiku sinifikanti fuq l-atturi lokali involuti fil-proċess tal-produzzjoni: EUR 20 miljun spejjeż tal-persunal, EUR 80 miljun servizzi esterni, u madwar EUR 1,5 miljun taxxi lokali.
22. F'Settembru 2022, l-għadd totali ta' ħaddiema (jiġifieri persuni affiljati mas-sigurtà soċjali) fil-belt ta' A Coruña kien jammonta għal 93 341, li minnhom 7 479 huma ħaddiema tal-manifattura. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, kull impjeg dirett mitluf fl-industrija jwassal għat-telf ta' 1,03 impjeg f'intrapriżi anċillari. B'hekk, l-impatt tal-għeluq ta' Alu Ibérica huwa stmat għal telf ta' 615-il impjeg (303 diretti u 312 f'intrapriżi anċillari), li jirrappreżentaw telf ta' 8,2 % tal-impjegji tal-manifattura.
23. Barra minn hekk, il-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 flimkien mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna jaggravaw il-perspettiva għall-iżvilupp ekonomiku. Iż-żieda attwali fl-inflazzjoni, b'mod partikolari ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-enerġija, inaqqsu l-marġnijiet tal-intrapriżi u l-kompetittività tagħhom. Għall-2023, l-Awtorità Indipendenti għar-Responsabbiltà Fiskali (AIReF) tippredvi żieda limitata għall-PDG ta' Galicia ta' 0,6 %²⁴. It-tbassir dwar l-impjegji huwa wieħed pessimista għall-2023, b'żieda ta' madwar 0,2 %²⁵. Dan l-ambjent ta' inċertezza jissuġġerixxi anqas reklutaġġ fl-2023.
24. Il-ħaddiema li għandhom aktar minn 45 sena jinsabu diġà fi żvantaġġ fis-suq tax-xogħol reġjonali. F'A Coruña 60 % ta' dawk li qegħdin ifittxu impjeg reġistrati jappartjenu għal din il-kategorija ta' età²⁶. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, 35 % tal-ħaddiema ta' Alu Ibérica li ngħataw is-sensja jappartjenu għall-grupp ta' età ta' aktar minn 45 sena, is-sensji huma mistennija li jkollhom impatt qawwi fuq il-qgħad ta' dan il-grupp ta' età.
25. Barra minn hekk, peress li l-intrapriża tinsab fi proċedimenti ta' falliment, il-ħaddiema ssensjati ma jirċievu l-ebda appoġġ ta' riallokazzjoni ffinanzjat mill-intrapriża li tat is-sensji.
26. L-awtoritajiet reġjonali jqisu li l-ħaddiema ssensjati minn Alu Ibérica se jkollhom bżonn ta' appoġġ addizzjonali sabiex jегħlbu l-kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali deskritti hawn fuq u jsibu impjegji ġodda.

Applikazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR)

27. Spanja ddeskriviet kif fil-każ preżenti tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar. L-awtoritajiet ta' Galicia mmonitorjaw il-proċess ta' falliment sabiex jiggarrantixxu d-drittijiet tal-ħaddiema u sabiex ifittxu alternattivi għaż-żamma tal-attività industrijali (id-

²³ [Istitut tal-Istatistika ta' Galicia](#)

²⁴ <https://www.lavozdeg Galicia.es/noticia/galicia/2022/10/13/autoridad-fiscal-ve-factibles-previsiones-2023-presupostos-xunta-ve-elevadas/00031665685016964907832.htm>

²⁵ [Ibid.](#)

²⁶ [SEPE - Data dwar il-qgħad irreġistrat, Diċembru 2022](#)

domanda ewlenija tal-ħaddiema), jew fl-istess settur jew permezz ta' ristrutturar operazzjonali tal-faċilitajiet permezz ta' investitur ġdid.

28. Spanja tenfasizza li l-korpi pubbliċi jimmonitorjaw il-proċessi ta' ristrutturar u jimmaniġġaw talbiet kollettivi għal sensji għalkemm mingħajr kapacià ta' awtorizzazzjoni/rifjut. Madankollu, dawn il-korpi jistgħu jistabbilixxu programmi li jippromwovu l-ħolqien tal-impjiegi fi sħubija ma' korpi lokali jew ma' korpi pubbliċi-privati (aġenziji ta' riallokazzjoni).
29. L-obbligu legali li l-ħaddiema jiġu pprovduti b'għajnuna għat-tfittix ta' impjieg, gwida u taħriġ okkupazzjonali għal 6 xhur ma japplikax għal intrapriżi fi proċedimenti ta' falliment. Spanja qiegħda tapplika għall-kofinanzjament tal-FEG sabiex iżżid is-servizzi ġenerali offruti lill-ħaddiema fis-servizz pubbliku reġjonali tal-impjiegi (Emprego Galicia).
30. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa sabiex jgħinu lill-ħaddiema ssensjati, Spanja rrapportat li Emprego Galicia pprovdiet lill-ħaddiema b'aċċess għas-servizzi ġenerali tagħha (appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, konsulenza u taħriġ vokazzjonali).

Komplementarjetà ma' azzjonijiet ifffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

31. Spanja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.
32. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet ifffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn. Il-benefiċċju tas-servizzi ta' konsulenza u taħriġ vokazzjonali ta' Emprego ta' Galicia għall-FSE u għall-finanzjament tal-ġenerazzjoni li jmiss.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

33. F'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691, Spanja indikat li l-Assoċjazzjoni tal-Industriji tal-Metall u t-Teknoloġiji Assoċjati ta' Galicia (ASIME)²⁷ u t-trade unions CCOO²⁸ u UGT²⁹, is-sħab soċjali li jipparteċipaw fid-Djalogu Soċjali f'Galicia, appoġġaw lill-Gvern Reġjonali ta' Galicia (Xunta de Galicia) fit-tnejn tal-applikazzjoni billi pprovdew informazzjoni dettaljata dwar is-settur tal-aluminju u s-suq tax-xogħol relatat. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati kien imfassal f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u ġie diskuss f'żewġ laqgħat fit-2 u fl-10 ta' Novembru 2022. Permezz ta' ftehim ta' kollaborazzjoni, is-sħab soċjali se jkunu involuti wkoll fl-implimentazzjoni tas-servizzi.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-miżuri proposti

Il-benefiċjarji fil-mira

34. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 303. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-

²⁷ L-ASIME hija assoċjazzjoni ta' impjegaturi li tinkludi aktar minn 600 intrapriża ta' Galicia attivi f'setturi bħall-attivitajiet tal-karozzi, tal-metall mekkaniku u tat-trasport; l-enerġija navali, marittima u tal-baħar; l-istrutturi tal-metall u l-kostruzzjoni; l-ajrunawtika; l-aluminju (estrużjoni, xogħol tal-injam u kompartimenti magħluqa); il-loġistika u s-sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

²⁸ Il-Federazzjoni tal-Industrija tas-CCOO f'Galicia.

²⁹ Il-Federazzjoni tal-Metall, il-Kostruzzjoni u l-Industriji Relatati tal-UGT (MCA-UGT)

diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell ta' edukazzjoni hija kif ġej:

| Kategorija | | L-ġhadd ta' beneficijarji mistennija | |
|------------------------|--|--------------------------------------|----------|
| Ġeneru: | Irġiel: | 293 | (96,7 %) |
| | Nisa: | 10 | (3,3 %) |
| | Mhux binarji | 0 | (0,0 %) |
| Grupp ta' età: | Taħt it-30 sena: | 0 | (0,0 %) |
| | Bejn it-30 u l-54 sena: | 294 | (97,0 %) |
| | Aktar minn 54 sena: | 9 | (3,0 %) |
| Livell ta' edukazzjoni | Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew anqas ³⁰ | 15 | (5,0 %) |
| | Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell ³¹ jew edukazzjoni postsekondarja ³² | 273 | (90,0 %) |
| | Edukazzjoni terzjarja ³³ | 15 | (5,0 %) |

Miżuri proposti

35. Is-servizzi personalizzati li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu mill-miżuri li ġejjin:

- Servizzi ta' informazzjoni ġenerali u workshops preparatorji: Din hija l-ewwel miżura li għandha tiġi offruta lill-benefiċjarji kollha fil-mira u tinkludi informazzjoni ġenerali dwar programmi ta' konsulenza u taħriġ disponibbli, allowances u inċentivi u tfassil ta' profil tal-ħaddiema. Il-workshops preparatorji, se jipprovdu informazzjoni aktar fil-fond dwar ir-riallokazzjoni, is-setturi li jeħtieġu ħruġ ta' liċenzja jew ċertifikati ta' kompetenza professjonali, ċertifikazzjoni tal-kompetenzi u ħiliet personali miksuba f'sitwazzjonijiet ta' xogħol. Huma previsti wkoll workshops dwar l-intraprenditorija.

³⁰ ISCED 0-2

³¹ ISCED 4

³² ISCED 3

³³ ISCED 5-8

- Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, se tingħata gwida okkupazzjonali għal persuni impjegati jew għal dawk li jaħdmu għal rashom.
- Taħriġ. L-offerta ta' taħriġ se tinkludi (1) **taħriġ dwar il-kompetenzi ewlenin u l-kompetenzi orizzontali**, b'mod partikolari l-ħiliet bażiċi tal-IT meħtieġa għat-tfittix ta' impjieg; (2) **rikonossiment ta' apprendiment preċedenti**: preparazzjoni għal testijiet lejn ir-rikonossiment tal-ħiliet miksuba permezz tal-esperjenza tax-xogħol; (3) **taħriġ vokazzjonali għat-tiġdid tal-ħiliet** bħall-manutenzjoni ta' bini u ta' tagħmir urban, l-operazzjonijiet ta' mħażen, il-loġistika tal-imħażen, l-operatur tal-forklift u tal-pjattaforma, l-awtomatizzazzjoni industrijali, iċ-ċertifikat Scrum Master³⁴, eċċ. It-taħriġ għat-tiġdid tal-ħiliet għandu l-għan li jipprovdi ħiliet professjonali ġodda li huma parti mill-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki Professjonali; u (4) **taħriġ vokazzjonali għat-titjib tal-ħiliet** bħar-realtà virtwali u awmentata għall-prodotti tal-aluminju, is-soluzzjonijiet CAD/CAM³⁵ applikati għall-komponenti u l-partijiet tal-aluminju, il-liġi personalizzati³⁶, it-trattament tal-aluminju (il-vernċjar, l-anodizzazzjoni u l-luminizzar kimiku), il-manifattura tal-addittivi tal-laser, u varjetà ta' tekniki ta' wweldjar, bħall-FSW³⁷ u t-tekniki ibridi ta' wweldjar bil-laser MAG³⁸, is-sistemi mmonitorjati ta' wweldjar bl-ark elettriku, eċċ. It-taħriġ lejn l-intraprenditorija se jiġi pprovdut għal dawk li għandhom l-għan li jaħdmu għal rashom.
- Għajjnuna intensiva għat-tfittix ta' impjieg, li tinkludi tiftix attiv tal-opportunitajiet ta' xogħol lokali u reġjonali (anke għal persuni li jaħdmu għal rashom) u għal tqabbil tal-impjegi.
- Tutoraġġ wara r-riintegrazzjoni fix-xogħol. Il-ħaddiema riintegrati fl-impjegi se jiġu ggwidati matul l-ewwel xhur sabiex jiġu evitati problemi possibbli li jistgħu jinqalgħu fl-impjegi l-ġodda tagħhom.
- Inċentivi. Se jkun hemm varjetà ta' inċentivi. (1) **Inċentiva għall-parteċipazzjoni**. Il-ħaddiema li jieħdu sehem fil-miżuri u li jsegwu r-rotta miftiehma għar-riintegrazzjoni se jirċievu sa EUR 400 (imħallsin f'darba jew f'pagamenti parzjali). (2) **Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura** (EUR 0,19/kilometru u kostijiet addizzjonali bħal nollijiet u kostijiet tal-parkeġġ, meta jkunu ġġustifikati kif dovut u r-rimborż tal-kostijiet tat-trasport pubbliku). (3) **Kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' persuni li jindukraw persuni dipendenti**. Ħaddiema li għandhom responsabbiltajiet ta' kura (tfal, anzjani jew persuni b'diżabilità) se jirċievu sa EUR 20 kuljum ta' parteċipazzjoni fil-miżuri. Dan għandu l-għan li jkopri l-kostijiet addizzjonali li jaffaċċaw il-parteċipanti b'responsabbiltajiet ta' kura sabiex jagħmlu użu mit-taħriġ jew minn miżuri oħrajn. (4) **Inċentivi għar-rikollokament**. Dawk li jergħu lura għall-impjieg bħala ħaddiema dipendenti jew bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu EUR 200 fix-xahar, għal perjodu massimu ta' 6

³⁴ Scrum Master huwa faċilitatur li huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tat-tim. Scrum huwa qafas ta' ġestjoni tal-proġett li jippermetti lil tim jikkomunika u jorganizza lilu nnifsu sabiex jagħmel il-bidliet malajr.

³⁵ Disinjar permezz tal-kompjuter (CAD) u Manifattura permezz tal-kompjuter (CAM).

³⁶ It-taħriġ iffoka fuq il-proprietajiet mekkaniċi u l-analiżi strutturali tal-materjali komposti, u fuq il-manifattura sostenibbli fl-impjanti tar-riċiklaġġ u tat-tidwib mill-ġdid.

³⁷ Iwweldjar tat-tip Friction Stir.

³⁸ Iwweldjar tat-tip Metal Active Gas (MAG).

xhur. L-inċentiv huwa mfassal sabiex jistimula lill-ħaddiema, b'mod partikolari dawk li huma akbar fl-età, sabiex jibqgħu fis-suq tax-xogħol u sabiex jinkoraġġixxi impjeg mill-ġdid malajr.

36. Is-setturi emerġenti u aktar dinamiċi qegħdin jinkorporaw b'mod kostanti tekniki ta' ħidma ġodda u teknoloġiji ġodda fil-proċessi tal-produzzjoni. Għal dik ir-raġuni, inġhatat prijorità lill-ħiliet meħtieġa fid-diġitalizzazzjoni, fir-robotizzazzjoni u għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, (bħal dawk relatati ma' mobbiltà ġdida, fjuwils ġodda, teknoloġiji elettriċi, eċċ.) meta tfasslet l-offerta ta' taħriġ. F'dan ir-rigward, l-ASIME kienet attur ewlieni.
37. Il-biċċa l-kbira tat-taħriġ propost għat-titjib tal-ħiliet huwa konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691, bħat-taħriġ fuq il-liġi personalizzati li jiffoka fuq il-manifattura sostenibbli f'impjanti tar-riċiklaġġ u tat-tidwib mill-ġdid.
38. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri ta' politika attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli, stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
39. Spanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, Spanja kkonfermat li dawn il-miżuri ma humiex se jiġu ssostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

Baġit stmat

40. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 1 500 000, li jinkludu nefqa ta' EUR 1 429 400 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 70 600 għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u rapportar.
41. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 275 000 (85 % tal-kostijiet totali).
42. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m) tar-Regolament (UE) 2021/691, Spanja speċifikat li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti mill-Consellería de Promoción de Empleo e Igualdade (il-Ministeru Reġjonali għall-Impjiegi u l-Ugwaljanza).

| Miżuri | L-għadd stmat ta' parteċipanti | Il-kost stmat għal kull parteċipant (EUR) ³⁹ | Il-kostijiet totali stmati (EUR) ⁴⁰ |
|---|--------------------------------|---|--|
| Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/691) | | | |

³⁹ Sabiex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew arrotondati. Madankollu, l-arrotondament ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura li jifdal bħal fl-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.

⁴⁰ It-totali ma jaqblux minhabba l-arrotondament.

| | | | |
|--|-----|-------|-----------|
| Servizzi ta' informazzjoni ġenerali u workshops preparatorji (<i>acogida y diagnóstico inicial</i>) | 303 | 100 | 30 300 |
| Gwida okkupazzjonali (<i>orientación laboral</i>) | 205 | 500 | 102 500 |
| Taħriġ (<i>formación transversal, de especialización dentro del sector, de recualificación fuera del sector y en autoempleo</i>) | 265 | 2 545 | 674 500 |
| Għajjnuna intensiva għat-tfittix ta' impjieg (<i>apoyo a la recolocación, prospección laboral</i>) | 180 | 1 300 | 234 000 |
| Tutoraġġ wara r-riintegrazzjoni fix-xogħol (<i>seguimiento en el empleo</i>) | 150 | 250 | 37 500 |
| Subtotal (a): | | | 1 078 800 |
| Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati | | – | (75,47 %) |
| Allowances u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/691) | | | |
| Inċentivi (<i>beca de participación, beca de desplazamiento, incentivo para la inserción laboral por cuenta ajena o propia, incentivo para la conciliación</i>) | 215 | 1 631 | 350 600 |
| Subtotal (b): | | | 350 600 |
| Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati: | | – | (24,53 %) |
| Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691 | | | |
| 1. Attivitajiet preparatorji | | – | 0 |
| 2. Ġestjoni | | – | 47 267 |
| 3. Informazzjoni u pubbliċità | | – | 14 933 |
| 4. Kontroll u rapportar | | – | 8 400 |
| Subtotal (c): | | | 70 600 |
| Perċentwal tal-kostijiet totali: | | – | (4,71 %) |
| Kostijiet totali (a + b + c): | | – | 1 500 000 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali) | | – | 1 275 000 |

43. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/691 ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Spanja kkonfermat li dawn il-miżuri huma kondizzjonali għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg jew ta' taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

44. Spanja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fit-2 ta' Marzu 2023. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-2 ta' Marzu 2023 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.
45. Spanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Marzu 2023. In-nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, u ta' kontroll u rapportar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Marzu 2023 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

46. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa fl-ambitu tal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispjega r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jimmaniġġaw u li jikkontrollaw l-FSE+. Xunta de Galicia⁴¹ se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni.

L-impjenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

47. Spanja pprovdiet l-assigurazzjonijiet neċessarji kollha rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi jkunu ġew issodisfati,
 - kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

48. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (bil-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027⁴².
49. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 275 000, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

⁴¹ Consellería de Facenda e Administración Pública – Dirección General de Política Financiera, Tesoro y Fondos Europeos and Consellería de Promoción de Empleo e Igualdade – Dirección de Relaciones Laborais.

⁴² ĠU L 433, 22.12.2020, p. 11.

50. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691, u kif huwa stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda⁴³.

Atti relatati

51. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 275 000 għal-linja baġitarja rilevanti.
52. Fl-istess ħin li adottat din il-proposta għal deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046⁴⁴. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

⁴³ ĠU L 433, 22.12.2020, p. 29.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2022/003 ES/Alu Ibérica

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013⁴⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁴⁶, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar, u jgħinhom jirritornaw għal impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (bi prezzijiet tal-2018), kif huwa stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093⁴⁷ u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Fit-30 ta' Novembru 2022, Spanja sottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema ta' Alu Ibérica LC S.L. fi Spanja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif hemm stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691.

⁴⁵ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

⁴⁶ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29

⁴⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 275 000 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2023, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 275 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

* *Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*